

# News Releases

Home » L-Istħarriġ dwar in-Nefqa fuq l-Impjegati minn Min Iħaddem (LCS): 2020

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

## L-Istħarriġ dwar in-Nefqa fuq l-Impjegati minn Min Iħaddem (LCS): 2020

NR110/2023 Data tal-Ħruġ: 22 Ġunju 2023

*Tneħħi l-apprendisti, in-nefqa medja marbuta mat-tħaddim tal-impjegati swiet €13.54 fis-siegħa.*



Din l-istqarrija tal-aħbarijiet tippreżenta dak li nstab fl-Istħarriġ dwar in-Nefqa fuq l-Impjegati minn Min Iħaddem (LCS). Dan l-istħarriġ, li jsir kull erba' snin mal-intrapriżi, huwa mfassal biex jiġbor tagħrif dwar x'jonfoq min iħaddem sabiex jimpjega l-ħaddiema (10+ impjegati). Minħabba li l-perjodu ta' referenza huwa s-sena 2020, it-tagħrif f'din l-istqarrija tal-aħbarijiet għandu jiġi interpretat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Fil-perjodu ta' riferenza, huwa stmat li 237,111-il impjegat fil-popolazzjoni mistħarrġa swew €5.5 biljun, bi spiża medja ta' €1.6 miljun għal kull intrapriża (Tabella nru 3).

B'kollox, meta ma jkunux magħdudin l-apprendisti, n-nefqa medja marbuta mat-tħaddim tal-impjegati swiet €13.54 fis-siegħa. Dan jinkludi n-nefqa fuq il-pagi u s-salarji, il-kontribuzzjonijiet soċjali, it-taħriġ vokazzjonali u nefqiet oħra marbutin max-xogħol, bħan-nefqa fuq uniformijiet jew ilbies protettiv. L-aktar rata baxxa fis-siegħa kienet irreġistrata fil-qasam tal-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, fit-Trasport u l-ħżin, u fl-Akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (€9.25) (Ċart nru 1). Għall-intrapriżi b'aktar minn 250 impjegat, it-tħaddim tan-nies sewa €14.49 fis-siegħa, filwaqt li għal dawk li kienu jħaddmu bejn 10 u 49 impjegat sewa €13.77 fis-siegħa.

Il-qasam tal-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kellu l-akbar infiq medju fis-sena għal kull impjegat (€40,568), segwit mil-qasam tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni (€35,153). L-intrapriżi tal-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-Trasport u l-ħżin, u tal-Akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel irreġistraw l-inqas nefqiet medji fis-sena għal kull impjegat (€17,039) (Tabella nru 2).

### Ċart nru 1. In-nefqa medja fis-siegħa fuq it-tħaddim tal-impjegati bl-attività ekonomika tal-intrapriża




Nota: Id-data teskludi l-appredisti.

### Ċart nru 2. Il-komponenti ewlenin tan-nefqa medja fis-siegħa fuq it-tħaddim tal-impjegati




Nota: L-Oħrajn (Other) jinkludu n-nefqa fuq it-taħriġ vokazzjonali (0.5 fil-mija) u nefqiet oħra mħallsa minn min iħaddem (0.4 fil-mija).

**Il-pagi u s-salarji**

Il-pagi u s-salarji ammontaw għall-akbar parti min-nefqa totali fuq it-tħaddim tan-nies, b'sehem ta' 92.2 fil-mija. Dawn kienu segwiti mill-kontribuzzjonijiet soċjali ta' min iħaddem, b'6.9 fil-mija. In-nefqa fuq it-taħriġ vokazzjonali u nfiq ieħor imħallas minn min iħaddem swew 0.5 fil-mija u 0.4 fil-mija, rispettivament (Ċart nru 2, Tabella nru 4).

Is-somma sħiħa tal-pagi u s-salarji mħallsa minn min iħaddem lill-impjegati kollha, mbarra l-apprendisti, laħqet €5.4 biljun, bl-ammont medju mħallas għal kull intrapriża jkun ta' €1.6 miljun. Is-salarju bażiku fforma l-akbar parti tal-pagi u s-salarji tant li ġabar fih 84.9 fil-mija tan-nefqa sħiħa fuq il-pagi. Bonusijiet u allowances regolari ammontaw għal 6.0 fil-mija tal-pagi u s-salarji, segwiti minn bonusijiet u allowances irregolari, b'5.4 fil-mija. L-inqas nefqa minn fuq pagi u salarji kienet fuq il-perkaċċi, li fl-2020 kienu jifformaw biss 0.9 fil-mija tan-nefqa sħiħa fuq il-pagi (Ċart nru 3, Tabella nru 5). B'91.0 fil-mija, is-salarju bażiku bħala proporzjon mit-total irriżulta li kien l-ogħla fl-Arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni u attivitajiet oħra ta' servizz (Tabella nru 6).

### Ċart nru 3. It-taqsim tal-pagi u s-salarji




Nota: Id-data teskludi l-appredisti.

**Il-kumpens medju lill-impjegati ras għal ras**

Dak li nstab minn dan l-istħarriġ wera li l-kumpens medju lill-impjegati, ras għal ras, kellu rabta diretta u proporzjonali mad-daqs tal-intrapriża. Fil-fatt, il-kumpens lill-impjegati kellu medja ta' €22,842 għal intrapriżi żgħar (10-49 impjegat), medja ta' €23,598 għall-intrapriżi ta' daqs nofsani (50-249 impjegat) u medja ta' €26,319 għall-intrapriżi kbar (250+ impjegat). L-impjegati fil-qasam tal-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kienu jaqilgħu l-akbar kumpens, b'medja ta' €39,727 ras għal ras. Bil-maqlub ta' dawn, l-aktar kumpens baxx kien irreġistrat għall-impjegati fl-oqsma tal-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, fit-Trasport u l-ħżin, u fl-Akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (€18,618) (Tabella nru 7).

**In-nefqa fuq it-taħriġ vokazzjonali u nefqiet oħra marbutin mat-tħaddim tal-impjegati**

In-nefqa sħiħa fuq it-taħriġ vokazzjonali mill-attivitajiet ekonomiċi mdaħħla f'dan l-istħarriġ kważi laħqet il-€31 miljun, b'57.7 fil-mija tagħhom imħallsa mill-intrapriżi b'250 impjegat jew aktar. L-intrapriżi li ħarġu l-aktar flus għat-taħriġ vokazzjonali kienu dawk fl-oqsma tal-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi, u tal-Attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn, li n-nefqa tagħhom laħqet għal 27.4 fil-mija tat-total (Tabella nru 8). Nefqiet oħra, li jinkludu l-ħlas għal uniformijiet u lbies protettiv mogħti lill-impjegati u spejjeż ta' reklutaġġ, bħan-nefqa fuq reklami ta' impjiegi f'midja differenti, kienu l-ogħla fl-Amministrazzjoni pubblika u difiża, fl-Edukazzjoni, u fl-Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali (24.3 fil-mija), segwiti mill-Attivitajiet professjonali, xjentifiċi, tekniċi, u mill-Attivitajiet ta' servizz amministrattivi u ta' sostenn (19.8 fil-mija). B'kuntrast ma' dawn, il-qasam tal-Proprjetà immobbli kellu l-inqas infiq ieħor (0.5 fil-mija). Nefqiet oħra mħallsa minn min iħaddem, bħall-ispejjeż tat-taħriġ vokazzjonali, kienu ogħla għall-intrapriżi l-kbar (44.7 fil-mija) meta mqabblin kemm mal-intrapriżi medji (33.0 fil-mija) kif ukoll ma' dawk żgħar (22.3 fil-mija) (Tabella nru 9).

**Is-sussidji fuq il-pagi**

It-tagħrif juri li fl-2020 l-SMEs (intrapriżi żgħar u medji) ħadu l-biċċa l-kbira tas-sussidji fuq il-pagi, b'75.6 fil-mija jmorru għand intrapriżi b'249 impjegat jew inqas. L-intrapriżi tal-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-Trasport u l-ħżin, tal-Akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel kienu dawk li ħadu l-aktar sussidji, bi 48.9 fil-mija tas-sussidji kollha mogħtija. B'0.4 fil-mija, il-qasam tal-Proprjetà immobbli ħa l-inqas ammont minn dawn is-sussidji (Ċart nru 4, Tabella nru 10).

### Ċart nru 4. Is-sussidji fuq il-pagi rċevuti minn min iħaddem bl-attività ekonomika tal-intrapriża




Nota: Il-persentaġġi jistgħu ma jaqblux minħabba l-arrotondamenti.

**Is-sigħat tassew maħduma u s-sigħat imħallsa**

L-Istħarriġ dwar in-Nefqa fuq l-Impjegati minn Min Iħaddem jiġbor ukoll tagħrif dwar is-sigħat tassew maħduma u s-sigħat imħallsa. L-impjegati ekwivalenti għall-full-time fl-Arti, id-divertiment, ir-rikreazzjoni, u attivitajiet oħra ta' servizz, u, dawk fil-Manifattura, fil-mijieri u l-barrieri u industriji oħra, ħadmu l-aktar għadd ta' sigħat fl-2020, b'medja ta' 38 siegħa fil-ġimgħa, mentri s-sigħat tassew maħduma mill-impjegati fl-Amministrazzjoni pubblika u difiża, fl-Edukazzjoni, u fl-Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali laħqu t-33 siegħa. L-oqsma tal-Arti, id-divertiment u r-rikreazzjoni u attivitajiet oħra ta' servizz, u l-oqsma tal-Manifattura, l-mijieri u l-barrieri u industrija oħra u l-Kostruzzjoni rreġistraw l-ogħla medja ta' sigħat imħallsa fil-ġimgħa (42 siegħa) (Ċart nru 5, Tabella nru 11).

### Ċart nru 5. Il-medja ta' sigħat maħduma u mħallsa fil-ġimgħa għall-impjegati f'ekwivalenti ta' full-time bl-attività ekonomika tal-intrapriża




Nota: Id-data qiegħda għall-impjegati f'ekwivalenti ta' full-time.

**Is-sigħat tassew maħduma u s-sigħat imħallsa – Impjegati full-time**

L-impjegati full-time ħadmu medja ta' 34.2 siegħa fil-ġimgħa. L-akbar għadd ta' sigħat ta' sahra fil-ġimgħa għall-ħaddiema full-time kien irreġistrat fil-qasam tal-kostruzzjoni (2.5 sigħat). L-impjegati full-time ħadu medja ta' 3.9 sigħat leave fil-ġimgħa. Persuni li jaħdmu fl-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni u fl-Informazzjoni u l-komunikazzjoni ħadu l-inqas ammont ta' leave fil-ġimgħa fl-2020 (3.7 sigħat). Il-Manifattura, l-mijieri u l-barrieri u industrija oħra kellhom l-akbar għadd ta' sigħat imħallsa fil-ġimgħa li ma kinux maħduma. Il-medja ta' sigħat imħallsa li ma kinux maħduma f'dan il-qasam kien ta' 5.0 sigħat (Tabella nru 12).

**Is-sigħat tassew maħduma u s-sigħat imħallsa – Impjegati part-time**

Il-medja tas-sigħat fil-ġimgħa maħduma minn impjegati part-time kienet tammonta għal 18.7. Part-timers li jaħdmu fil-Manifattura, fil-minjieri u fil-barrieri u industrija oħra, kif ukoll dawk involuti fil-Kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, Trasport u ħażna, u Attivitajiet ta' akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, kellhom it-tendenza li jaħdmu l-aktar sigħat ta' sahra fil-ġimgħa (0.6 sigħat). Ħaddiema part-time tal-Proprjetà immobbli kellhom l-akbar numru medju ta' sigħat leave fil-ġimgħa (1.9 sigħat), filwaqt li ħaddiema part-time fl-Amministrazzjoni pubblika u difiża, fl-Edukazzjoni, u fl-Attivitajiet tas-saħħa tal-bniedem u l-ħidma soċjali kellhom l-inqas (0.5 sigħat) (Tabella nru 13).

B'kollox, l-għadd ta' sigħat tassew maħduma laħaq it-88.8 fil-mija tas-sigħat kollha mħallsa. il-bqija tas-sigħat (11.2 fil-mija) kienu sigħat li tħallsu mingħajr ma nħadmu (Ċart nru 6).

### Ċart nru 6. It-taqsim perċentwali tas-sigħat maħduma

